DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

21 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-163/06 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-23 ta' Marzu 2006,

Ir-Repubblika tal-Finlandja, irrappreżentata minn E. Bygglin, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża hija:

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn G. Wilms u P. Aalto, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Juhász, President ta' l-Awla, J. Malenovský u T. von Danwitz (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: R. Grass,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 Permezz ta' l-appell tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja qiegħda titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, tad-9 ta' Jannar 2006, Ir-Repubblika tal-Finlandja vs Il-Kummissjoni (T-177/05, li ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra — Ġabra 2006, p. I-1*, aktar 'il quddiem id-"digriet appellat"), li permezz tiegħu dik il-Qorti ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha biex tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Direttorat Ġenerali tal-Baġit), li tinsab fl-ittra tat-28 ta' Frar 2005 u fl-ittra ta' konferma tal-25 ta' April 2005 u li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat li tibda negozjati mar-Repubblika tal-Finlandja dwar il-ħlas kundizzjonali ta' dazji mitluba retroattivament, flimkien ma' l-imgħax għal dewmien li akkumula sal-ġurnata tal-ħlas ta' l-imsemmija dazji, mitluba mill-Kummissjoni mingħand ir-Repubblika tal-Finlandja fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2180, imressqa taħt l-Artikolu 226 KE.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom [proprji] tal-Komunitajiet (ĠU L 130, p. 1), li jinsab fit-Titolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Kontijiet għar-riżorsi tagħha", jeżiġi li għandhom jinżammu kontijiet għal dawn ir-riżorsi mit-Teżor ta' kull Stat Membru jew minn korp maħtur minn kull wieħed minn dawn l-Istati u li dawn il-kontijiet għandhom ikunu maqsuma skond in-natura tar-riżorsi. Dan l-artikolu jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar din iż-żamma ta' kontijiet u dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

3 L-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, li jinsab taħt it-Titolu III intitolat "Id-disponibbilità tar-riżorsi tagħha" jipprovdi li:

"Skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandu jikkredita r-riżorsi tiegħu proprji fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor tiegħu jew mal-korp li jkun ħatar.

Dan il-kont għandu jinżamm mingħajr ħlasijiet."

4 Skond l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, "[k]ull dewmien biex isir id-dħul fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) għandu jagħti bidu għal pagament ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat bir-rati ta' l-imgħax applikabbli fis-suq monetarju ta' dak l-Istat, fid-data li suppost ikun seħħ, għal operazzjonijiet ta' żmien qasir ta' finanzjament pubbliku, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tkun miżjuda bi 0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tkun applikata għallperijodu kollu tad-dewmien".

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 1 sa 9 tad-digriet appellat bil-mod segwenti:

"1. Fis-17 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' ksur Nru 2003/2180 kontra r-Repubblika tal-Finlandja u adottat opinjoni motivata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 226 KE fejn ikkunsidrat li l-Istat Membru kien naqas mill-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju billi ma kkalkulax u ma qiegħedx għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni riżorsi proprji, li ma kinux inġabru, marbuta ma' importazzjonijiet ta' apparat militari li kienu twettqu bejn l-1998 u l-2002 u billi rrifjuta li jħallas l-imgħax għal dewmien korrispondenti.

2. Ir-Repubblika tal-Finlandja kkontestat l-evalwazzjoni legali tal-Kummissjoni billi kkunsidrat li l-Artikolu 296 KE kien jagħtiha d-dritt, sabiex tħares l-interessi vitali tas-sigurtà tagħha, li ma tikxifx informazzjoni kunfidenzjali dwar l-importazzjoni ta' apparat militari u, barra minn hekk, matul il-perijodu li huwa s-suġġett tal-proċedura ta' ksur, li ma timponix dazji doganali fuq l-importazzjonijiet in kwistjoni.

3. Sabiex twaqqaf l-akkumulazzjoni ta' l-imgħax għal dewmien li japplika fil-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 [...], ir-Repubblika tal-Finlandja talbet lill-Kummissjoni, fil-25 ta' Jannar 2005, sabiex tidħol f'negozjati magħha dwar ħlas kundizzjonali tad-dazji mitluba retroattivament u ta' l-imgħax għal dewmien akkumulat sal-ġurnata tal-ħlas. L-Istat Membru rrefera għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-possibbiltà ta' ħlas kundizzjonali bħal dan. Huwa esprima x-xewqa tiegħu li jikkonkludi mal-Kummissjoni ftehim dwar il-ħlas kundizzjonali in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tat-8 ta' Frar 2005 mill-Kummissarju Ewropew responsabbli mill-bagit, indikat lir-Repubblika tal-Finlandja li hija kienet tista', skond il-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja, tagħmel ħlas kundizzjonali li jikkonserva d-drittijiet ta' l-Istat Membru sad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Gustizzja. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Finlandiżi jikkuntattjaw lid-Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Bagit tal-Kummissjoni dwar il-modalitajiet prattiċi biex isir il-ħlas.

5. Wara kuntatt telefoniku, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra mid-Direttur Ġenerali tal-Bagit tat-28 ta' Frar 2005 (l-ewwel ittra kkontestata), ippreċiżat lir-Repubblika tal-Finlandja li, fid-dawl ta' l-obbligi ta' l-Istati Membri fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, hija ma kellhiex id-dritt, legalment, li tikkonkludi ftehim ta' natura bħal dak li kien mixtieq mill-awtoritajiet Finlandiżi u li hija ma setgħetx tinnegozja kundizzjonijiet speċifiċi dwar xi ħlas jew ieħor, ħlief meta jkun hemm diffikultajiet partikolari ta' kalkolu, liema diffikultajiet ma ġewx invokati f'dan il-każ.

6. Id-Direttur Ġenerali tal-Bagit [...] ikkonferma lill-awtoritajiet Finlandiżi l-possibbiltà li jsir ħlas kundizzjonali fis-sens tal-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja. Huwa ppreċiża l-modalitajiet prattiċi kif seta' jsir ħlas bħal dan u l-konsegwenzi ta' tali ħlas fir-rigward tal-proċedura legali.

7. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Marzu 2005, ir-Repubblika tal-Finlandja fakkret lill-Kummissjoni li l-punt ikkontestat fil-proċedura ta' ksur kien jikkonċerna l-kwistjoni jekk l-Artikolu 296 KE kienx jippermetti lil Stat Membru li ma jikxifx informazzjoni kunfidenzjali dwar l-importazzjoni ta' apparat militari u li jissospendi d-dazji marbuta ma' din l-importazzjoni, u li l-għan espliċitu ta' ħlas kundizzjonali kien li titwaqqaf l-akkumulazzjoni ta' l-imgħax għal dewmien previst mir-Regolament Nru 1150/2000.

8. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Finlandiżi enfasizzaw li l-ħlas kundizzjonali tagħhom ikun suġġett għal żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, li l-Kummissjoni tintrabat li tressaq il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, minnaħa l-oħra, li huma jkollhom garanzija li jkunu jistgħu jagħmlu l-imsemmi ħlas b'deroga mill-proċedura normali, jiġifieri mingħajr ma jkunu marbuta li jikxfu informazzjoni li tikkompromietti l-interessi vitali tas-sigurtà ta' l-Istat Membru.

9. Il-Kummissjoni, b'ittra mid-Direttur Ġenerali tal-Baġit tal-25 ta' April 2005 (it-tieni ittra kkontestata), reġgħet indikat lill-awtoritajiet Finlandiżi li kien impossibbli għaliha li tinnegozja l-ftehim mitlub u, barra minn hekk, ikkonfermat it-termini ta' l-ittra tagħha tat-28 ta' Frar ta' qabel."

Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u d-digriet appellat

6 Permezz ta' att irreġistrat fil-11 ta' Mejju 2005, il-Gvern Finlandiż ressaq ir-rikors li wassal għad-digriet appellat.

7 Il-Kummissjoni, filwaqt li qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, talbet li r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli u, sussidjarjament, li r-rikors jiġi miċħud fuq il-mertu.

8 Ir-Repubblika tal-Finlandja talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiddikjara ammissibbli r-rikors u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li skondha kienet tinsab fl-ittra tat-28 ta' Frar 2005 u f'dik, li tikkonferma l-ittra preċedenti, tal-25 ta' April 2005 (aktar 'il quddiem, flimkien, l-"ittri in kwistjoni"), li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat

li tibda negozjati mar-Repubblika tal-Finlandja dwar ħlas kundizzjonali ta' dazji mitluba retroattivament, flimkien ma' l-imgħax għal dewmien akkumulat sal-ġurnata tal-ħlas ta' l-imsemmija dazji, mitluba mill-Kummissjoni mingħand ir-Repubblika tal-Finlandja fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2180, imressqa taħt l-Artikolu 226 KE.

9 Permezz tad-digriet appellat, mogħti skond l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza, mingħajr ma fetħet il-proċedura orali, ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli.

10 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-ittri in kwistjoni mibgħuta lir-Repubblika tal-Finlandja matul il-fażi prekontenzjuża ta' proċedura dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu ma fihom l-ebda deċiżjoni li jista' jkollha effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi ta' dan l-Istat Membru.

11 Hija osservat, fil-punt 32 tad-digriet appellat, li r-rifjut li jinbdew negozjati ma jikkostitwixxix deċiżjoni li tmur kontra l-interessi ta' l-Istat Membru. Fil-fatt, il-ftuħ ta' negozjati bħal dawk in kwistjoni f'din il-kawża, jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha s-setgħa li tawtorizzahom, ma setax, fih innifsu, jaffettwa s-sitwazzjoni ġuridika tar-Repubblika tal-Finlandja u seta', eventwalment, ikollha effett bħal dan biss il-konklużjoni ta' ftehim fit-tmien ta' dawn in-negozjati, jekk dawn in-negozjati jwasslu għal ftehim.

12 Fil-punt 33 tad-digriet appellat, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, la d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1150/2000 u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jikkonferixxu fuq il-Kummissjoni s-setgħa li jidħlu fi kwalunkwe negozjati ma' l-Istati Membri.

13 Fir-rigward tal-ħlas kundizzjonali, il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar, fil-punt 34 tad-digriet appellat, li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, in-natura "kundizzjonali" li jista' jkollu l-ħlas tiffavorixxi l-konferma, minkejja l-ħlas, tan-nuqqas ta' ftehim li jeżisti bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni dwar il-ġustifikazzjoni tad-dejn mitlub minn din l-istituzzjoni.

14 Sussegwentement, fil-punti 35 u 36 tad-digriet appellat, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonstata li, peress li ma rrifjutatx li r-Repubblika tal-Finlandja tagħmel ħlas kundizzjonali tad-dazji li huma s-suġġett tal-proċedura ta' ksur, il-Kummissjoni, għall-kuntrarju, esponiet il-possibbiltà li kellhom l-awtoritajiet Finlandiżi li jagħmlu dan il-ħlas skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni indikat li kien biżżejjed li l-awtoritajiet Finlandiżi jikkalkulaw id-dazji li ma kinux tħallsu u jqiegħdu s-somom korrispondenti, li jkunu ekwivalenti għall-ħlas ta' l-ammont prinċipali, għad-dispożizzjoni tagħha fil-kont tagħha ta' fondi proprji, sabiex fid-dawl ta' dan l-ammont hija tkun tista' tikkalkula l-imgħax ta' dewmien dovut bejn il-mument meta d-dazji in kwistjoni kien imisshom tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha (informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru) u l-ġurnata tal-ħlas effettiv. Fl-aħħar nett, fl-eventwalità li r-Repubblika tal-Finlandja tirbaħ il-kawża dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu li bħalissa qiegħda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tħallas lura s-somom imħallsa b'mod kundizzjonali.

15 Fil-punti 37 sa 40 tad-digriet appellat, il-Qorti tal-Prim'Istanza tiċħad iż-żewġ "kundizzjonijiet" proposti mill-Gvern Finlandiż fir-rigward ta' ħlas kundizzjonali, jiġifieri impenn mill-Kummissjoni li tressaq rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u dispensa milli tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali. Fil-fatt, minn naħa, is-setgħa diskrezzjonali li għandha l-Kummissjoni fir-rigward ta' l-opportunità li tressaq rikors bħal dan quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja teskludi li xi ħadd ikollu d-dritt jeżiġi li hija tieħu pożizzjoni f'sens partikolari. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma talbet li meta jsir il-ħlas kundizzjonali tingħata informazzjoni kunfidenzjali ta' natura li tikkomprommetti l-interessi vitali tas-sigurtà ta' l-Istat Membru.

16 Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-ittri in kwistjoni ma kellhomx natura ta' deċiżjoni fis-sens ta' l-Artikolu 230 KE, u ma setgħux, minħabba f'hekk, ikunu s-suġġett ta' talba għall-annullament tagħhom, ir-rikors għal annullament kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

It-talbiet tal-partijiet

17 Ir-Repubblika tal-Finlandja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat;

— tiddikjara ammissibbli r-rikors imressaq mir-Repubblika tal-Finlandja taħt l-Artikolu 230 KE, u

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex dik il-Qorti tiddeċiedi fuq il-mertu u tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-Repubblika tal-Finlandja l-ispejjeż legali tal-proċedura ta' l-appell ukoll.

18 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala infondat, u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Finlandja għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

19 Skond l-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċeduri tagħha, meta l-appell ikun, kompletament jew parzjalment, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull waqt, wara rapport ta' l-Imħallef Relatur u wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell totalment jew parzjalment, permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tiftaħ il-proċedura orali.

20 In sostenn tat-talbiet għall-annullament tad-digriet appellat, il-Gvern Finlandiż jinvoka motiv wieħed maqsum f'erba' partijiet. Dan il-motiv huwa msejjes fuq żball fid-dritt li huwa bbażat fuq il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza rrifjutat li tirrikonoxxi li l-ittri in kwistjoni għandhom in-natura ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata taħt l-Artikolu 230 KE.

21 Il-Kummissjoni tosserva li peress li l-ittri in kwistjoni kienu sempliċement ittri ta' notifika, fejn ġie espost l-approċċ meħud f'dan il-każ mill-Kummissjoni, l-ebda waħda minnhom ma taffettwa, skond il-Kummissjoni, l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja jew tibdel is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu fil-konfront tas-sitwazzjoni tiegħu qabel ma rċevihom. Għaldaqstant, hija tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat id-dritt Komunitarju b'mod korrett filwaqt li r-Repubblika tal-Finlandja ma pprovatx li dik il-Qorti kienet wettqet żball fid-dritt.

Fuq it-tieni u t-tielet partijiet, ibbażati fuq evalwazzjoni żbaljata tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni u fuq l-effett legali mhux vinkolanti ta' l-ittri in kwistjoni

L-argumenti tal-Gvern Finlandiż

22 Il-Gvern Finlandiż ma jaqbilx mal-konstatazzjoni, magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 28 sa 36 tad-digriet appellat, minn naħa, tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tidħol f'negozjati ma' l-Istati Membri u, minnaħa l-oħra, tan-nuqqas ta' ħtieġa ta' dawn in-negozjati.

23 Huwa jqis li l-possibbiltà ta' ħlas kundizzjonali fil-kuntest ta' proċedura ta' ksur ma tistax tiġi evalwata abbażi tar-Regolament Nru 1150/2000 peress li dan ir-regolament ma fih ebda dispożizzjoni dwar il-proċeduri li jikkonċernaw ħlasijiet għajr dawk relatati mar-riżorsi proprji mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Komunità.

24 Skond il-Gvern Finlandiż, id-dritt Komunitarju ma stabbilixxiex sistema li fil-kuntest tagħha l-ħlas kundizzjonali jista' jsir b'tali mod li jiġu ggarantiti d-drittijiet ta' l-Istat Membru. F'dan ir-rigward, huwa jikkonstata li m'hemmx indikazzjoni ċara tal-mezz li permezz tiegħu Stat Membru jista' jassigura ruħu li l-Kummissjoni tressaq il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ladarba jitħallsu l-fondi flimkien ma' l-imgħax għal dewmien u lanqas tal-mod kif għandu jaġixxi l-Istat Membru meta l-Kummissjoni ma tressaqx rikors peress li d-dritt Komunitarju ma jipprevedix garanzija li dan l-Istat jikseb il-ħlas lura tal-ħlas kundizzjonali tiegħu.

25 Il-Gvern Finlandiż jikkunsidra, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tielet parti tal-motiv, bħala żbaljati l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 35 u 36 tad-digriet appellat u l-konklużjoni tagħha fil-punt 42 ta' dan id-digriet li l-ittri in kwistjoni m'għandhom l-ebda effett legali vinkolanti peress li l-Kummissjoni ma rrifjutatx il-ħlas kundizzjonali.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gvern Finlandiż iqis li l-Istat Membru għandu jkun jista' jiftiehem mal-Kummissjoni dwar modalitajiet ta' ħlas kundizzjonali u jqis li huwa neċessarju, sabiex isir dan il-ħlas, li jinbdew negozjati bil-għan li jiġi konkluż ftehim dwar l-imsemmi ħlas kundizzjonali. Dan jirriżulta kemm mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 10 KE u mill-prinċipju ta' ċertezza legali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

27 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni u t-tielet partijiet tal-motiv għandhom jiġu ttrattati flimkien. Fil-fatt, sabiex juru li r-rifjut li jinfetħu negozjati dwar ħlas kundizzjonali jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat fis-sens ta' l-Artikolu 230 KE, dawn iż-żewġ partijiet jikkonċernaw, essenzjalment, il-kompetenza tal-Kummissjoni li tibda negozjati bħal dawn u l-ħtieġa ta' dawn in-negozjati.

28 Għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-ilment dwar l-irrilevanza tar-Regolament Nru 1150/2000 m'għandux effett. Fil-fatt, għalkemm dan ir-regolament huwa rilevanti safejn huwa intiż li jirregola s-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, huma ma jipprevedi, għall-kuntrarju, ebda dispożizzjoni dwar negozjati bħal dawk mitluba mill-Gvern Finlandiż. Mit-tieni sentenza tal-premessa għoxrin tar-Regolament Nru 1150/2000 jirriżulta li l-Kummissjoni "għandha teżerċita l-poteri tagħha skond dan ir-Regolament".

29 Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ikkonstatat li r-regolament imsemmi ma jagħtix lill-Kummissjoni l-poter li tibda kwalunkwe negozjati ma' l-Istati Membri.

30 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li, skond ġurisprudenza kostanti li għaliha tirreferi l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 33 tad-digriet appellat, teżisti rabta inseparabbli bejn l-obbligu li jiġu kkonstatati r-riżorsi proprji Komunitarji, l-obbligu li dawn ir-riżorsi jitniżżlu fil-kont tal-Kummissjoni fit-termini preskritti u, fl-aħħar nett, l-obbligu li jitħallas l-imgħax għal dewmien (ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-392/02, Ġabra p. I-9811, punt 67). In-natura inseparabbli ta' din ir-rabta lanqas ma tippermetti li l-Kummissjoni tiftaħ negozjati iżolati fuq wieħed minn dawn l-elementi.

31 Kien bl-istess raġunament li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-imgħax għal dewmien, taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, dwar l-implementazzjoni tad-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 155, p. 1), dispożizzjoni riprodotta fir-Regolament Nru 1150/2000 (ara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-363/00, Ġabra p. I-5767, punt 23), għandhom jitħallsu irrispettivament mir-raġuni għad-dewmien li bih dawn ir-riżorsi tqiegħdu fil-kont tal-Kummissjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-96/89, Ġabra p. I-2461, punt 38; Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata aktar 'il fuq, punt 44, u ta' l-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-460/01, Ġabra p. I-2613, punt 91).

32 Għalhekk, kull ma setgħet tagħmel il-Kummissjoni kien li tinforma lill-Gvern Finlandiż dwar il-fatt li hija ma kellhiex, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-setgħa li tinnegozja l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' ħlas ta' riżorsi proprji. Minn dan isegwi li, bħala atti ta' natura purament informattiva, li sempliċement jispjegaw il-pożizzjoni legali dwar ħlas kundizzjonali, l-ittri in kwistjoni la setgħu jaffettwaw l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja u lanqas jibdlu s-sitwazzjoni ġuridika tagħha fil-konfront tas-sitwazzjoni tagħha qabel irċeviet dawn l-ittri.

33 Għandu jiġi ppreċiżat, fid-dawl tar-rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu, imressaq fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur imsemmija fil-punt 8 tad-digriet li fil-kuntest tagħha għandha titqiegħed il-kwistjoni tal-ftuħ ta' negozjati dwar ħlas kundizzjonali, li l-Kummissjoni kellha tapplika r-regoli legali fis-seħħ fil-mument tal-komunikazzjoni taż-żewġ ittri in kwistjoni (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi ta' l-1 ta' Lulju 2004, Tsapalos u Diamantakis, C-361/02 u C-362/02, Ġabra p. I-6405, punt 19, u tad-9 ta' Marzu 2006, Beemsterboer Coldstore Services, C-293/04, Ġabra p. I-2263, punt 19). Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni ma tistax tiġi affettwata minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħlaq dan ir-rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu u, għaldaqstant, li tingħata wara l-komunikazzjoni ta' dawn iż-żewġ ittri.

34 Il-Gvern Finlandiż isostni li l-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali, moqrija flimkien, jeżiġu li l-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati. Minn dan isegwi, skond dan l-istess gvern, li r-rifjut li jinbdew negozjati bħal dawn, li jinsab fl-ittri in kwistjoni, jaffettwa l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2000, L-Olanda vs Il-Kummissjoni, C-147/96, Ġabra p. I-4723, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-9 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs Greencore, C-123/03 P, Ġabra p. I-11647, punt 44). Issa, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

35 Huwa minnu li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta lil Stat Membru l-benefiċċju ta' ħlas kundizzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, iċċitata aktar 'il fuq, punt 17, u tat-12 ta' Settembru 2000, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-359/97, Ġabra p. I-6355, punt 31). Ir-rikonoxximent ta' tali benefiċċju, iżda, huwa suġġett għar-regoli Komunitarji li jirregolaw il-ħlas kundizzjonali. Madankollu, id-dritt Komunitarju ma jobbligax lill-Kummissjoni tikkonkludi ma' l-Istat Membru kkonċernat ftehim li jikkonferma obbligi Komunitarji li diġà jeżistu favur l-Istat Membru. Is-sistema tar-riżorsi proprji tipprekludi l-possibbiltà li jiġu nnegozjati l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' ħlas. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari l-importanza li r-riżorsi proprji jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Komunità b'mod rapidu u effiċjenti (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-378/03, Ġabra p. I-9805, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Minn dan isegwi li l-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali mhumiex ta' natura li jikkonferixxu lir-Repubblika tal-Finlandja d-dritt li jinbdew negozjati għal dan il-għan.

37 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tieni u t-tielet partijiet tal-motiv huma mingħajr effett u li għandhom jiġu miċħuda bħala manifestament infondati.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata tar-rifjut ta' negozjati

L-argumenti tal-Gvern Finlandiż

38 Il-Gvern Finlandiż iqis li hija żbaljata l-kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 32 tad-digriet appellat, li r-rifjut tat-talba għall-ftuħ ta' negozjati ma jikkostitwixxix deċiżjoni li tmur kontra l-interessi ta' l-Istat Membru. Hija biss il-konklużjoni ta' ftehim fit-tmien ta' dawn in-negozjati li setgħet tikkostitwixxi tali att li jmur kontra l-interessi ta' Stat Membru.

39 Fil-fatt, skond dan il-gvern, ebda ftehim ma jista' jiġi konkluż fit-tmiem ta' negozjati jekk dawn ma jkunux għall-inqas inbdew. Billi rrifjutat, bi ksur ta' l-Artikolu 10 KE, li għall-inqas tibda negozjati, il-Kummissjoni fil-fatt ċaħdet lir-Repubblika tal-Finlandja mill-possibbiltà li tagħmel ħlas kundizzjonali fis-sens tal-ġurisprudenza

tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi, iċċitati aktar 'il fuq, tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, punt 17, u Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, punt 31). Għalhekk, id-deċiżjoni in kwistjoni tmur kontra l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

40 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar, kif tagħmel il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 30 tad-digriet appellat, li, skond ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li għandhom effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti, billi jibdlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni ġuridika tiegħu, li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens ta' l-Artikolu 230 KE (ara s-sentenzi, iċċitati aktar 'il fuq, L-Olanda vs Il-Kummissjoni, punt 25, u Il-Kummissjoni vs Greencore, punt 44).

41 Issa, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball meta kkonstatat li r-rifjut li jinbdew negozjati, rifjut li jinsab fl-ittri in kwistjoni, ma jikkostitwixxix deċiżjoni li tmur kontra l-interessi ta' l-Istat Membru. Huwa minnu li, kif sostna l-Gvern Finlandiż, il-ftuħ ta' negozjati huwa l-kundizzjoni indispensabbli sabiex jintlaħaq ftehim eventwali. Madankollu, peress li l-fatt li jinbdew negozjati ma jiggarantixxix li n-negozjati jintemmu b'riżultat, huwa biss ir-riżultat innifsu li jista' jaffettwa l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja. Issa, ma tistax titqajjem il-kwistjoni tar-riżultat peress li l-Kummissjoni ma hija kompetenti la li tikkonkludi ftehim li jwassal għal riżultat tali u lanqas li tibda negozjati għal dan il-għan.

42 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, lanqas bl-ewwel parti tal-motiv tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja ma rnexxilha turi li ż-żewġ ittri in kwistjoni jikkostitwixxu deċiżjoni fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, din il-parti hija mingħajr effett u għalhekk għandha tiġi miċħuda bħala manifestament infondata.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq analiżi żbaljata taż-żewġ kundizzjonijiet ta' ħlas kundizzjonali

L-argumenti tal-Gvern Finlandiż

43 Il-Gvern Finlandiż jikkritika l-analiżi magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 37 sa 41 tad-digriet appellat, taż-żewġ kundizzjonijiet proposti mir-Repubblika tal-Finlandja għall-finijiet ta' ħlas kundizzjonali, jiġifieri l-impenn tal-Kummissjoni li tressaq rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-dispensa mogħtija lil dan l-Istat Membru milli jipprovdi informazzjoni kunfidenzjali li tikkompromett l-interessi vitali tas-sigurtà ta' l-imsemmi Stat, kundizzjonijiet li, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, mhumiex rilevanti għall-konklużjoni ta' ftehim.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

44 Il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 39 u 40 tad-digriet appellat, ġustament jindikaw li l-Gvern Finlandiż ma setax jeżiġi li l-ħlas in kwistjoni jsir bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tintrabat tadixxi l-Qorti tal-Ġustizzja u li l-ħlas iseħħ mingħajr ma l-Kummissjoni teżiġi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1150/2000.

45 La l-obbligu eventwali li l-Kummissjoni tressaq rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas l-obbligu li tintrabat li ma titlobx l-informazzjoni allegatament kunfidenzjali prevista mir-Regolament Nru 1150/2000 ma jimplikaw l-obbligu li jiġi nnegozjat ħlas suġġett għal tali kundizzjonijiet. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni hija marbuta li tirrispettahom, dawn il-kundizzjonijiet, kif ġie mfakkar fil-punt 35 ta' dan id-digriet, ma jobbligawhiex tiftaħ in-negozjati mitluba.

46 Għaldaqstant, l-ittri in kwistjoni ma jistgħux jaffettwaw, la permezz tar-rifjut tal-Kummissjoni li tinnegozja ħlas bil-kundizzjoni li tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas permezz tar-rifjut tagħha li taċċetta li ma tingħatax l-informazzjoni prevista mir-Regolament Nru 1150/2000, l-interessi tar-Repubblika tal-Finlandja peress li dawn l-ittri ma jibdlux b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni ġuridika tagħha. Għaldaqstant, l-ittri in kwistjoni ma jistgħux jitqiesu li huma deċiżjoni ta' natura li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet, fil-punt 37 tad-digriet appellat, li l-ebda waħda minn dawn il-"kundizzjonijiet" ma kienet meħtieġa għall-konklużjoni ta' ftehim.

47 Għaldaqstant, anki r-raba' parti tal-motiv hija mingħajr effett u għandha tiġi miċħuda, minħabba f'hekk, bħala manifestament infondata.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-motiv, fil-partijiet kollha tiegħu, huwa manifestament infondat.

Fuq l-ispejjeż

49 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' l-appell skond l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika tal-Finlandja tilfet il-kawża hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tordna li:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Firem